# Surmastrijiet li kellha l-Banda L'ISLE ADAM

## *Mro. Manwel Bartoli 1852 - 1932*



*Pittura taż-żejt li tinsab fis-Sala ta' l-Arkivju ta' Għaqda Mużikali L'Isle Adam, xogħol tajjeb ħafna tas-Saċerdot Ġużeppi Spiteri tas-Soċjetà ta' San Pawl.*

Huwa fatt magħruf li l-Banda tagħna minn dejjem kienet taħt id-direzzjoni ta' l-aqwa mużiċisti maltin, u fl-istess ħin ipproduċiet wkoll bandisti mill-aqwa li kellna u għad għandna fil-gżejjer Maltin. Jekk wieħed iqalleb fost il-350 paġna li stampajna għall-festi ta' San Ġużepp bejn is-snin 1978-1987 isib diversi ismijiet ta' bandisti li għamlu snin fil-kamp mużikali.

Fost is-Surmastrijiet li kellha il-Banda L'Isle Adam diġa ippublikajna lis-Surmast Joseph Stivala Anton Muscat Azzopardi, Emmanuel Gatt, Philip Gatt, u bid-direttur preżenti, ir-Rabti Joe Galea il-lum ser niktbu xi ħaġa fuq Surmast kbir ieħor li kellha il-Banda L'Isle Adam bejn is-snin 1873 - 1879 u reġgħa ħa l-Banda f'idejh fis-snin 1921 u 1923.

Nikkwotaw lis-Sur Rob Mifsud Bonnici mill-ktieb tiegħu: "Mużiċisti Kompożituri" 1951 paġni 25-27:

**Is-Surmast Emanwel Bartoli** ħa għal-ewwel darba l-Banda L'Isle Adam f'idejh meta kellu biss 21 sena, iżda f'dik l-età, kien diġa kittieb tal-mużika u fost l-oħrajn. kiteb "Amore" li ġiet kantata fit-

Teatru Rjal fit-13 ta' Frar 1872.

Fil-Malta Letterarja ta' April, 1905, u fil-Malta Il-Iustrata Artistica - "Musica" paġ. 71 tal-Kan. Caruana nsibu li s-Surmast Manwel Bartoli twieled l-Imdina, iżda, Faurè u Rolandi riduħ minn Ħal Qormi. Wara stħarriġ sibna li Manwel Bartoli twieled l-Imdina fid-dar kantuniera ma' Triq Inguanez u Pjazza Bieb il-Griegi, fit-13 ta' Frar, 1852. Missieru Wiġi w ommu Ċensa mwielda Zerafa. Tgħallem il-vjolin, l-orgni, il-pjanuforti, il-kant, l-armonija u l-kontrapont għand l-imsemmi Surmast tas-surmastrijiet patri Ġużepp Spiteri Fremond, agostinjan. Min jaf kemm karwat bil-mixi flimkien ma' ħabibu

*Supplement to the "Daily Malta Chronicle."*

THE BAND OF THE

ROYAL MALTA REGIMENT

*will play the following Programme at the*

SLIEMA CLUB

*THIS EVENING FROM 8.30 P.M.*

1. MARCH, ......... "*Naworth Castle*" ............. HUME
2. OVERTURE, ... "*Il Piccolo Haydn*" ...... SOFFREDINI
3. SELECTION, No 1... "*Jone*" ............... PETRELLA
4. MELODIA, ... "*Il Silenzio Militare*", ........ GIOCIANO
5. SELECTION, ... "*The Circus Girl*", .......... CARYLL
6. ACT 4. ............... "*Ernani*" ................ VERDI
7. VALSE, ............ "*Folle Jovesse*" ...... WALDTEUFEL

*GOD SAVE THE QUEEN.*

E. BARTOLI,
*Bandmaster.*

*Wednesday, 19th July 1899.*

Karmnu Spiteri, missier Dun Ġużepp tas-Soċjetà San Paolo, mill-Imdina għall-Belt għal għand patri Ġużepp. Iżda ma tħabtux għalxejn għax it-tnejn f'qasir żmien laħqu surmastrijiet u diretturi tal-banda l-Isle Adam tar-Rabat ta' l-Imdina imwaqqfa uffiċċjalment minn Indri Borg l-agħma, fl-1860. Lis-Surmast Bartoli nsibuh ukoll surmast u direttur tal-banda Cittadina La Valette matul is-snin 1877-85.

Manwel Bartoli qatt ma tbiegħed minn Art twelidu ħlief darba biss meta mar Londra, għamel eżami u kiseb il-post ta' Bandmaster fir-Riġment tar-Royal Malta Artillery wara li kien irtira bil-pensjoni l-Bandmaster Domenico Amore, mużiku u vjolinista msemmi Bartoli kiteb bosta mużika sagra (6 quddisiet, quddiesa funebri, għosrin, responsorji ecc.) u mużika profana għall-banda. L-ewwel biċċa xogħol tiegħu hi "scena ed aria" jisimha "Amore", ġiet kantata fit-Teatru Rjal mis-Sopran Emilia Ciuti, fit-13 ta' Frar, 1872, meta Manwel kien għadu żagħżugħ ta' 20 sena. Warajha kiteb sinfonija: "Les Braves Combatants" indaqqet b'suċċess kbir fir-Real tagħna, f'Awissu, 1882. Bartoli, b'kuraġġ ta' sur indaħal għal opra fuq il-librett ta' Ġużè Muscat Azzopardi, avukat, rumanzier u poeta. L-opra, f'żewġ atti jisimha Simonetta.

Bartoli, mal-ġenju kellu dehen kbir għall-kompożizzjoni ta' mużika sagra, profana u operatika, dehen u ġenju li ma ġewx fruttati. Dnub!

Sabiħa Simonetta? Naraw. Billi Bartoli kien is-surmast konċertatur tal-kori tat-Teatru Rjal u bosta drabi ddirieġa opri mqar għal għarrieda, bla kunċerti, kelmtu, għad li qatt ma kienet mismugħa kollha kif jixirqilha.

Għall-Ġublew ta' l-Isqof, fl-1902, kiteb intermezz sabiħ: "Fausta Ricordanza"; ikkompona Gran Corale: "L'Eco della Preghiera," iżżanżan fl-1899. Barra minn żewġ preludji, għandu tiegħu wkoll Sinfonija grandjuża: "The King's Banner", u fl-1904 ħareġ b'melodija: "Remembrance." Kemm wisq iktar xogħlijiet mużikali kien ikollna biex inżidu nsebbħu l-qasam bla tarf ta' l-Arti Anġelika kieku s-Surmast Bartoli sab min jinkoraġġih flok qatgħulu qalbu b'dik l-apatija ta' min kien fid-dmir li jgħinu!

Wara li rtira bil-pensjoni mis-Servizz, is-Surmast Bartoli, mogħti għall-mużika sa minn tfulitu, ma riedx jinfatam fi xjuħitu. Kien ikanta tenur, igħin lill-Maestri di Cappella fis-servizzi fil-knejjes, igħin lill-kantant u jiddirieġi servizzi sħaħ; kien umli, minn tagħna, ħelu ma' kulħadd, qalbu tajba. Bħala President Onorarju tal-Kamra tal-Mużiċisti Kompożituri Maltin ħadem u ħabrek bis-sħiħ għall-ġid tal-Mużika f'Malta u tal-Mużiċisti.

Is-Surmast Manwel Bartoli jibqa' mfakkar bħala Mużiċista Kompożitur ta' ġieħ. Għadmu jinsab mistrieħ f'qabar fil-knisja Franġiskana (Ta' Ġiesu) ir-Rabat ta' l-Imdina.

# 25 SENA BANDISTI

Tlett membri mill-Banda L'Isle Adam, din is-sena għalqu 25 sena jagħtu servizz tagħhom lil din l-Għaqda mużikali, u t-tlieta mxew il-quddiem f'din l-iskola tal-Mużika. Dawn kienu ħarġu jdoqqu għal ewwel darba fis-sena ta' l-Inkurunazzjoni ta' San Ġużepp, 1963.

**Paul Chetcuti,** hu ddelegat tal-Banda, ħa din il-kariga f'dawn l-aħħar sentejn.

**Twanny Galea,** li għandu f'idejh l-iskola tal-mużika L'Isle Adam sezzjoni strumentatura ta' l-injam. Nifirħu lil Twanny għax matul din is-sena inħatar is-Surmast tal-Banda l-ġdida ta' Santa Marija ta' Ħad-Dingli.

**Joe Galea,** f'dawn il-ħamsa u għoxrin sena, tista' tgħid li minn dejjem kien jagħllem fl-iskola tal-Mużika L'Isle Adam, u għal snin twal kien id-delegat tal-Banda u Assistent Direttur ta' l-istess Banda. Hu ħa id-direzzjoni ta' din il-Banda fl-1986, hu wkoll Surmast tal-Banda Sliema u jagħllem il-mużika f'diversi każini tal-Banda.

